# Qaddisin fit-Toroq tal-Belt – 2

Patri Victor Paul Farrugia O.Carm

Inkomplu din is-sensiela li bdejna s-sena l-oħra fejn nagħtu ħarsa lejn il-ħajja ta' dawn il-qaddisin li l-istatwi tagħhom jintramaw fit-toroq tal-Belt Valletta fil-ġranet tal-Festa tal-Madonna tal-Karmnu.

**Il-Beata Franġiska d'Amboise**

Franġiska twieldet fit-28 ta' Settembru 1427, bint Luiġi, l-Viskonti ta' Thouars u Maria ta' Rieux tal-Baruni d'Encenis. Fl-età tenera ta' kważi erba' snin ġiet imwegħda bħala għarusa lil Pietru II, it-tieni wild tad-Duka tal-Brettanja u marret toqgħod mal-kunjata futura tagħha Giovanna, oħt ir-Re ta' Franza Karlu VII. Din il-mara li kienet reliġjuża ħafna, kellha x-xorti li tiltaqa' ma' San Vinċenz Ferrer, u għaddiet liċ-ċkejkna Franġiska spirtu nisrani profond. Minkejja li kienet tgħix qalb il-pompa u l-lussu, xorta kienet tħoss f'qalbha x-xewqa li tfittex permezz tat-talb l-għaqda sħiħa ma' Alla. Kif kien previst iżżewġet fl-età ta' ħmistax-il sena, żewġha kien ġa tilef lil missieru u lil ħuh il-kbir. Fl-1450 fil-Katidral ta' Rhemis saret iċ-ċelebrazzjoni tal-Inkurunazzjoni. Iż-żewġ miżżewġin, f'sintonija ammirabbli, dejjem kienu mbuttati lejn il-bżonnijiet dejjem aktar gravi tal-poplu u kienet ukoll kbira l-attenzjoni lejn il-knejjes u l-monasteri. Fl-ewwel sena taż-żwieġ, anke biex jirribattu ċerti problemi, għamlu pellegrinaġġ biex jitolbu l-protezzjoni tal-Verġni Marija. Franġiska kellha influss pożittiv



L-istatwa tal-Beata Franġiska D'Amboise li tintrama quddiem il-qorti għall-festa tal-Madonna tal-Karmnu fil-Belt

fuq żewġha u dawn il-bidliet pożittivi kellhom effett ukoll fuq il-ħajja tal-qorti u tal-Istat. Is-seba' snin tat-tmexxija tiegħu baqgħu magħrufa mill-poplu bħala *ż-żminijiet tad-dukessa beata.* Fit-22 ta' Settembru 1457, fl-età ta' tletin sena miet Pietru II, hu ħalla warajh armla li mingħajr telf ta' żmien kienet oġġett ta' ġlied għall-poter. Ippreponewlha t-tieni żwieġ, imma issa kienet miġbuda aktar lejn Alla, u għalhekk hi opponiet bis-saħħa. F'waħda mit-talbiet imqanqlin tagħha stqarret: *Alla tiegħi! Nitolbok tilqa' fil-mistrieħ ta' dejjem, ir-ruħ mixgħula tas-sinjur tiegħi u żewġi. Għalija, jiena naf tajjeb li Int tixtieq qalbi kollha u l-imħabba tiegħi kollha. Int dejjem kellek l-ikbar u l-aqwa sehem, imma, kien hemm sehem għal dak li miegħu ġejt magħquda bir-rabta taż-żwieġ. Sejjaħtlu għal għandek, jiena ma rrid lil ħadd aktar u rrid inwiegħed minn issa, li ma niżżewweġ qatt aktar, ma rrid lil ħadd aktar ħlief lilek u imħabbtek*. Fl-1459 Franġiska ltaqgħet mal-Beatu Ġwann Soreth, Pirjol Ġenerali tal-Karmelitani u kienet imsaħħra mill-kariżma tal-Ordni. Poġġiet l-għana tagħha għad-dispożizzjoni tat-twaqqif tal-ewwel monasteru femminili Karmelitan fi Franza. Ġie mibni f'Bondon, ħdejn Vannes, fl-1463, u għal dan l-iskop P. Soreth sejjaħ lil xi sorijiet minn Liegi, dan il-monasteru ġie ddedikat lit-*Tliet Mariji*. Fil-25 ta' Marzu 1468 anke l-istess Franġiska pprofessat f'idejn il-Beatu u daħlet fil-klawsura. Ġiet eletta bħala prijura, imma kienet tirrepeti: *Aħsbu dejjem li aħna aħwa bl-istess libsa u bl-istess professjoni*. Kellha karattru qawwi, imma fl-istess ħin għall-ħutha s-sorijiet kellha mħabba materna. Fl-1477 waqqfet f'Nantes it-tieni monasteru. F'dan iż-żewġ monasteri stabbiliet ir-regolamenti, b'insistenza fuq il-klawsura stretta. Kienet tikkoreġi b'imħabba u għerf, kif jixhdu l-*Eżortazzjonijiet* li ġabru s-sorijiet. Kienet tgħid: *Imisskom tagħmlu tellieqa bejnietkom u taraw min hu l-aktar umli, l-aktar ħelwa (li turi ħlewwa), l-aktar li tagħmel karità, l-aktar waħda kuntenta b'dak li trid l-oħra*. U wkoll: *Nirrikkmanda li tieħdu ħsieb kemm ir-ruħ kif ukoll il-ġisem, b'diskrezzjoni biex tkun tistgħu taqdu aħjar lil Alla u r-reliġjon. Tistgħu taqdu aħjar b'saħħitkom milli morda. Ngħidilkom li ż-żminijiet qaddisa ma jagħmlux persuni qaddisa, imma l-persuni qaddisa u twajba, jagħmlu ż-żmien qaddis. M'għandux jinteressakom dak li jingħad fuqkom kemm tajjeb kif ukoll ħażin, imma li tkunu nodfa u safja fil-ġewwieni tagħkom. Jekk Alla hu magħna, min jista' jkun kontra tagħna? It-triq id-dritta biex wieħed imur il-ġenna hija is-salib, u l-ewwel bieb. Jalla jkollkom mħabba kbira lejn xulxin. Qatt ma tumiljaw ruħkom biżżejjed daqs dak li twieled għalikom f'umiltà u faqar kbir.* Lilha nafu l-introduzzjoni tat-Tqarbin frekwenti, u lis-sorijiet morda anke kuljum. Kienet profetika fil-ħsibijiet u fid-deċiżjonijiet, billi eżortat, mill-pożizzjoni privileġġjata tagħha, għall-paċi bejn il-prinċpijiet. Hija talbet ukoll li tħalli l-uffiċċju ta' Prijura, imma ma tħallietx. Mietet f'Nantes fl-4 ta' Novembru 1485, waqt li kienet qed tassisti soru li kienet marida bil-pesta. Waqt ir-Rivoluzzjoni Franċiża s-sorijiet kellhom jabbandunaw il-monasteru, u t-tifkiriet tal-Beata kienu mxerrda u ġisimha pprofanat, imma minkejja dan kemm fil-Gwerer Huguenot (1562-1598), kif ukoll fir-Rivoluzzjoni Franċiża partijiet minnu ġew salvati u llum jinsabu fil-Katidral ta' Nantes. Intilfet ukoll parti mit-test ta' uħud mill-istruzzjonijiet klawtrali, imma fortunatament parti minnhom kienu ġa ppubblikati. Hija meqjusa bħala l-Fundatriċi tal-Karmelitani Nisa fi Franza, il-kult liturġiku tagħha kien rikonoxxut mill-Beatu Piju IX fis-16 ta' Lulju 1863 bħala premju lin-nies tal-Brettanja għall-għaqda tagħhom mal-Knisja Kattolika u mad-Dukessa tagħhom. Ġiet ibbeatifikata fl-1866. Il-Beata Franġiska tidher fl-ikonografija, bil-Kurċifiss f'idejha u mlibbsa bil-kappa tal-ermellin, minflok tas-suf, b'tifkira tat-titlu tagħha ta' dukessa. Tibqa' magħrufa għall-ħlewwa materna tagħha, għall-fedeltà u l-umiltà li kellha. Sar Rivoluzzjoni Franċiża kien hemm erba' Monasteri fi Franza li jafu l-bidu tagħhom lill-Madre Franġiska: *Les Couëts* f'Nantes; it-tieni Fundazzjoni ta' Vannes, imsejħa *Nażaret*,



**Il-Fdalijiet tal-Beata Franġiska d'Amboise**

stabbilita f'Vannes fl-1530; *Santu Sepulkru* f'Rennes (1622) u *Bethlem* f'Ploërmel (1627).

**Il-Beata Ġwanna Scopelli**

Twieldet f'Reggio Emilia probabbilment fl-1428, ftit li xejn nafu fuq l-ewwel snin ta' ħajjitha. Il-vokazzjoni reliġjuża mill-ewwel uriet ruħha f'qalbha, u l-ġenituri tagħha Simone u Caterina ħallewha ssir mantellata Karmelitana. Baqgħet tgħix id-dar u ddedikat ruħha għaż-żewġ ħutha bniet u ħuha. Wara l-mewt tal-ġenituri tagħha, ġiet milqugħa minn mara ta' kundizzjoni umli, imma sinjura fil-pjetà. Ġwanna baqgħet tfittex post biex tadattah f'monasteru. Waħda armla offriet lilha nnifisha, liż-żewġ uliedha u d-dar tagħha għal dan l-iskop. Għexu flimkien f'dak il-post bejn l-1480 u l-1484, filwaqt li kompliet tfittex post adattat għall-monasteru. Fl-1845 bl-għajnuna tal-Isqof Filippo Zoboli, akkwistat il-Knisja ta' San Bernard li kienet tal-Patrijiet Umiliati, li talbitha lill-Ġeneral tagħhom, waqt li kien għaddej minn Reggio. Il-monasteru l-ġdid ingħata l-isem ta' Santa Maria del Popolo



**L-istatwa tal-Beata Ġwanna Scopelli li tintrama għal festa tal-Madonna tal-Karmnu fil-Belt**

(imsejjaħ ukoll *delle Bianche*). L-iskop prinċipali tagħhom kien li jitolbu għall-Knisja universali. Id-diffikulatjiet finanzjarji tal-bidu ġew solvuti bis-saħħa ta' ċertu Cristoforo Zoboli.

Il-Beata, ġiet eletta Prijura mit-tnejn u għoxrin soru żagħżugħa li ngħaqdu magħha, u rċeviet l-aggregazzjoni u l-gwida spiritwali tal-Karmelitani ta' Mantova, minn fejn fl-1487 hija rċeviet konfessur. Fl-Italja ma kienx hemm tradizzjoni ta' Monasteri femminili Karmelitani, imma Ġwanna addattat il-Kariżma Karmelitana lill-komunità l-ġdida. L-istess esperjenzi ġraw fi Franza, il-Belġju u Sapnja.

Madre Ġwanna kienet tivvenera lill-Verġni Marija b'devozzjoni partikulari, din id-devozzjoni kienet imsejħa *l-qmis tal-Madonna*, magħmula minn 15,000 Ave Maria, b'*Salve Regina* wara kull 100. Fl-aħħar kienet tingħad għas-seba' darbiet jew l-*Ave Maris Stella*, jew *O gloriosa Domina*. Il-Karmelitani ta' Reggio kienu jirreċitaw din it-talba sal-1773. Kienet tipprova żżomm konverżazzjoni ma' Marija fil-mod kif kienet iġġib ruħha u fil-mumenti ta' tbatija, fil-mumenti ta' ferħ u f'dawk ta' niket, b'tali mod li ruħha kienet tgħix mgħarrqa fl-imħabba lejn din il-maħbuba Omm, b'sentimenti filjali. Kienet persuna għanja fil-pjetà u fil-ħlewwa lejn Marija u fiha kienet tikkontempla lil Binha Ġesù. Kienet Ta' Ġwanna għandna biss ftit kitbiet, tidher l-aktar id-devozzjoni profonda lit-Tfulija ta' Ġesù. Il-Mulej daħal f'ruħha b'mod qawwi billi mexxieha lejn esperjenza profonda tal-preżenza tiegħu bi grazzji mistiċi straordinarji, u fetħilha triq magħmulha minn dwal u ljieli. Hija esperjenzat il-lejl tal-ispirtu bħala triq obligatorja għat-twelied ta' ħlejqa ġdida f'mixja fejn is-salib u l-imħabba jidentifikaw flimkien, dan kien perjodu twil ta' purifikazzjoni interjuri, fejn hija intelqet f'idejn il-Mulej bħal Marija. Ħalliet il-Mulej jaħraq dak kollu li hu uman u ħalliet li hija tkun konformi mar-rieda tiegħu, biex hekk tinkarna l-imħabba ta' Alla u ssir don mingħajr riserva u tasal għall-imħabba vera. Hija kellha wkoll spirtu qawwi ta' penitenza.

Mietet fid-9 ta' Lulju 1491, imdawra b'fama kbira ta' qdusija. Skont tradizzjoni antika, il-ġisem ġie midfun fil-ġnien tal-monasteru, ħdejn il-bir li ġie msejjaħ *il-Bir tal-Beata*, ġie eżumat is-sena



**Il-Ġisem tal-Beata Ġwanna Scopelli**

ta' wara, u nstab inkorrott. Fl-1500 inġabret ix-xhieda fuq ħajjitha, fuq il-virtujiet u l-mirakli; bejn is-snin 1767 u 1770 inżamm il-proċess djoċesan għall-għarfien tal-kult li ġie approvat mill-Papa Klement XIV fl-24 ta' Awwissu 1771. Fl-1773 isimha ddaħħal fil-"Kanone tal-Beati". Il-Festa tagħha kienet tiġi ċċelebrata b'mod solenni bit-tberik tal-morda. Meta fl-1797 il-Monasteru ġie soppress, ġisimha ġie trasferit fil-Katidral fl-1803, fil-Kappella Rangoni. F'Ittra lill-Ordni Karmelitan datata 7 ta' Ottubru 2002 San Ġwanni Pawlu II fakkarha bħala *waħda mill-esponenti li spikkaw fl-Italja*, fl-ewwel esperjenza monastika Karmelitana, waħda mill-figuri prinċipali tat-Tieni Ordni.

Ħajr lil Fr Victor Paul ta' wħud mir-ritratti li qed jidhru f'dan l-artiklu.

THE ALBION STORES

FOR ALL THAT IS NEEDED IN MAKING AND BAKING CAKES, DISHES AND SWEETS

199, MERCHANT STREET
VALLETTA VLT 1172
MALTA

TEL/FAX: 2122 4694

Lancet Salon

Barber Shop

by Malcolm Fenech

Monday to Friday
from 7.00am to 3.00pm
Closed on Saturdays

Tel: 21249076 Mob: 79444057
123, St John Street, Valletta VLT 1169
malcolm.lancet@gmail.com

Visit us on Facebook est 1921